MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 45/2001/1

Angelo u Maria Assunta Cini .

vs

Anthony u Carmela konjugi Mizzi .

Il-Qorti ,

Rat l-avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsuhom lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tmenin lira Maltija (Lm480) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti bhala hlas dovut ghall-porzjon art proprjeta' tal-atturi li l-konvenuti uzurpaw u bnew fuqha meta bnew il-fond taghhom fi Triq Giuseppe Cauchi f'Ghajnsielem . L-art hija tal-kejl ta' cirka tlett metri kwadri (3mk) u hija murija bl-ittra "A" fuq il-pjanta annessa bhala dokument "AC 1" .

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew illi :

1. L-inkompetenza tal-Qorti "ratione materie" biex taqta' u tiddicidi din l-kawza u dana peress illi drittijiet kwistjonijiet ta' proprjeta' huma ta' kompetenza supaerjuri u mhux inferjuri .

2. In-nullita' ta' l-istess avviz u dana peress illi l-istess avviz ma fihx talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-istess konvenut ;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dana peress illi l-konvenuti ma uzurpaw l-ebda proprjeta' tal-atturi .
Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal taghha ta' l-10 ta' Gunju 2003 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma indikata fl-Avviz jew somma verjuri li tigi stabilita minn din il-Qorti talli l-konvenuti okkupaw b'bini bicca art li jallegaw li hija taghhom . Il-konvenuti eccepew preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie* .

Huwa maghruf sewwa illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' kompetenza inferjuri ghandha gurisdizzjoni limitata u bhala tali tista' tiehu konjizzjoni biss ta' dawk il-hwejjeg indikati fil-ligi . Infatti din il-Qorti hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kull pretensjoni sa l-ammont ta' hames

telef lira, kontra persuni li joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja f'Ghawdex jew Kemmuna . Izda il-kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta' ta' beni immobbli, servitujiet, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li pretensjoni ma tkunx tiskorri l-hames telef lira, ma jidhlux fil-kompetenza ta' din il-Qorti . Fi kwistjonijiet ta' proprjeta' ghandha kompetenza biss tiehu konjizzjoni ta' talbiet ta' zgumbrament minn bini jew raba, sakemm il-kera relattiva ma tiskorrix l-istess somma ta' hames telef lira (art. 47 – 50 tal-Kap. 12) .

Kif intqal f'kawza fejn qamet kwistjoni simili ghal dik in ezami[1] :

*"…. l-art. 46(3) tal-Procedura Civili (l-art. 47(3) ta' llum) jiddisponi illi l-kawzi dwar jeddijiet rigwardanti beni immobbli ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, u l-unika eccezzjoni hija maghmula mill-art. 47( illum 48) dwar t-talbiet ta' "zgumbrament" jew "tkeccija" minn beni immobbli ;*

*illi ghalhekk billi d-domanda ta' l-attur ma hix zgumbrament jew tkeccija, kif ga' fuq osservat, l-azzjoni kif proposta tezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti…."*

Gie ritenut ukoll illi "*biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata, wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak illi sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta*". [2]

Tajjeb li jigi precizat inoltre illi : "*l-kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba ta' l-attur imma tista' tiddependi ukoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut*." [3]

---

[1] Appell Inferjuri : Giovanni Buttigieg v. Angela Bartolo: 17.10.1953
[2] Generoso Cutajar v. Emmanuele Cutajar : Prim'Awla: 22.10.1953; George Muscat v. Carmelo Zammit : Prim'Awla: 26.4.1961; Frankie Refalo noe. v. Jason Azzopardi et. Appell: 7.10.1997
[3] Oscar Busuttil noe. v. Giuseppe Camilleri noe.: Prim'Awla: 2.6.1952; Margherita Rizzo v. Edgar Zahra: Appell Inferjuri:

Fil-kaz in ezami, ghalkemm il-valur lokatizju ta' l-art in kwistjoni ma jidhrix li jeccedi l-hamest elef lira maltija (Lm5000), m'ghandniex talba ghall-izgumbrament . Verament it-talba hija ghal hlas ta' kreditu . Imma dan il-kreditu huwa marbut ma' kwistjoni dwar proprejta', ghaliex l-atturi qeghdin jallegaw illi l-konvenuti okkupawlhom illegalment bicca art zghira fil-kostruzzjoni tal-bini taghhom f'Ghajnsielem . Ghalhekk din mhix semplici kawza ghall-hlas tad-danni kkagunati . L-atturi jridu kumpens talli l-atturi bnew fuq parti mill-art li jikkontendu li hija taghhom.

Imma sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' tali talba jrid qabel xejn jigi nvestigat jekk hux tassew minnu dak li qed jallegaw l-atturi, haga li naturalment titlob ezami dwar l-estensjoni tal-proprjetajiet rispettivi tal-kontendenti f'dawk l-inhawi . Infatti l-konvenuti permezz tan-nota ta' l-Eccezzjonijiet taghhom qeghdin jichdu illi bnew fuq art ta' l-atturi . Tali investigazzjoni dwar il-kwistjoni ta' lil min tappartjeni l-art kontestata certament tezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq spejgati .

Ghadaqstant u ghall-istess ragunijiet din il-Qorti mhix kompetenti tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici kif dedotti *ratione materie .*

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti dwar in-nuqqas ta' kompetenza taghha, bl-ispejjez kontra l-istess atturi .
S4501

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

---

10.1.1953; Anthony Zammit v. Joseph Ellul noe. Appell Inferjuri: 31.7.1996